**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 9 - L-ERBGĦA 26 TA' FRAR 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17.55.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Uffiċjal Eżekuttiv |
| | Steven Bonniċi | Perit |
| Pubbliku Preżenti: | Resident tal-Magħtab | |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* kemm fuq l-*internet* kif ukoll fuq il-paġna ta' *Facebook*.

**1. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA**

1.1 Il-Kunsill qabel li jbiddel l-ordni tal-aġenda u għalhekk il-laqgħa pproċediet kif indikat f'dawn il-minuti.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti.

2.2 Kien innutat żball fl-ismijiet f'para. 3.2 li ġew ikkoreġuti kif ġej: "Il-minuti ġew approvati wara proposta mis-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Abela".

2.3 Il-Kunsillier Brincat ippropona li jiżdied punt 7.23 li jaqra: "Il-Kunsillier Brincat ġibed l-attenzjoni biex posts fuq social media tal-Kunsill noqgħodu attenti x'niktbu għaliex xi drabi aktar nagħmlu ħsara milli ġid." Il-Kunsill qabel.

2.4 Il-minuti kienu approvati *nem con* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt

**3. PROĠETT TAL-ĠNIEN FI TRIQ TAL-LABOUR**

3.1 F''dan il-ħin is-Sindku stiednet lill-Perit Stephen Bonnici biex jispjega fid-dettall il-proġett tal-ġnien tal-labour kif qiegħed jipproponih.

3.2 Il-Ġnien se jkun addattat l-aktar għaż-żgħażagħ. Il-Perit issuġġerixxa li jsiru żewġ żebra crossings. Waħda ftit il-fuq mill-ġnien u l-oħra quddiem Panda Clinic.

3.3 Il-Viċi Sindku issuġġerixxa biex titneħħa waħda mill-ponds u minflok tista' ssir funtana mill-art.

3.4 Il-Perit għandu jibgħat pjanta emendata. Din il-pjanta se tintbagħat lil Kunsillieri.

3.5 Il-Kunsill qabel li jibgħat *Public Consultation* lir-residenti tal-akkwata rigward il-proġett. Il-*Consultation* għandha possibilment issir sal-aħħar ta' Marzu.

**4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

4.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

4.2 Fid-29 ta' Jannar is-Sindku attendiet għat-tieni edizzjoni tal-parlament tas-Sindki fil-bini tal-Parlament fil-Belt Valletta. Is-Sindku għamlet l-intervent tagħha fejn saħqet li s-Sindki jridu Kunsilli awtonomi biex ikunu jistgħu jagħtu servizz aħjar lir-residenti. Hi tkellmet ukoll fuq l-awtonomija fiskali.

4.3 Is-Sindku ltaqgħet mal-Ispettur, is-Supretendent kif ukoll mas-Surmast tal-iskola tal-*Higher Secondary* biex jiddiskutu l-problema tat-traffiku.

4.4 Fil-31 ta' Jannar is-Sindku kellha laqgħa ma' Transport Malta fejn ġiet diskussa z-*zebra crossing* ta' Triq San Pawl. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Gatt.

4.5 Fl-1 ta' Frar saret laqgħa ġenerali tal-i*Scouts u* s-Sindku attendiet għal parti minnha.

4.6 Fit-13 ta' Frar saret attivita' ta' tqassim tal-ikel tal-qtates. Għal din l-attività ġew mistiedna l-*cat feeders* tan-Naxxar. Preżenti għal din l-attività kien hemm is-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll il-Kunsillier Stephen Abela. Il-Kunsillier Stephen Abela semma l-imejl li bagħtet is-Sinjura Gabaretta dwar l-applikazzjoni tal-fondi tal-qtates fejn il-Kunsill ma ngħatax fondi. Il-Kunsillier Abela kif ukoll il-Viċi Sindku staqsew ir-raġuni li l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata. Is-SE rrisponda li wara diskussjoni mad-Dipartiment tal-Animal Welfare kien infurmat li r-raġuni kienet għaliex bħala *shelters* użat il-kelma *tyres.* Il-Kunsillier Abela staqsa għaliex ismu ma kienx jidher fuq il-*post* ta' *facebook.* Is-SE irrisponda li ismu kien jidher fil-filmat.

4.7 Fis-16 ta' Frar is-Soċjeta Mużikali Peace organizzat attività tà tħawwil ta' siġar li ġiet organizzata fil-ġonna ta' quddiem is-Santwarju Ġesù Ħniena Divina, f'San Pawl tat-Tarġa. Din l-attività saret biex tfakkar il-200 sena mit-Twelid tal-President Fundatur il-Markiż Vincenzo Bugeja u l-25 Sena Kummissjoni Żgħażagħ. Preżenti għal din l-attività kien hemm il-Viċi Sindku.

4.8 Fis-16 ta' Frar saret l-attività tal-Karnival Fin-Naxxar.

4.9 Fid-19 ta' Frar is-Sindku kellha laqgħa mar-residenti li joqgħodu fi Triq il-Għargħur (il-parti quddiem il-Golden Care Home). Rapport fid-dettal anness f'A. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE.

4.10 Fil-21 ta' Frar iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-anzjani organizza attività tal-Karnival għall-anzjani.

4.11 Fit-22 ta' Frar is-Sindku attendiet għal Mayor's Round Table organizzata mill-AKL fil-Lukanda Dolmen fejn ġiet diskussa t-tema fejn ir-Resident jiġi l-ewwel.

4.12 Fl-24 ta' Frar is-Sindku kellha laqgħa mas-Sur Matthew Muscat mill-Wasteserv. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-SE.

4.13 Is-Sindku semmiet li l-Kunsill se japplika għal Network of Twin Towns. Il-Kunsill qabel.

4.14 Kien hemm korrispondenza mill-Arċipriet fejn issuġġerixxa li Triq il-Parroċċa tiġi Triq Kolleġġjata minflok. Il-Kunsill qabel li jibgħatu ittra lir-residenti għal kummenti tagħhom.

4.15 Is-Sindku spjegat fuq il-kwistjoni tal-One Way ta' Triq Ħal Dgħejf. Hi spjegat li l-Kunsill kien irċieva talba minn għand xi residenti biex it-triq tiġi One Way. Il-Kunsill bagħatt ittra lir-residenti għal kummenti tagħhom. Sal-lum għad m'hemm xejn konkluż u għad trid terġa titressaq quddiem il-Kumitat tal-Ilmenti.

4.16 Is-Sindku semmiet it-talba mill-iżviluppaturi ta' parti mit-Trade Fair Grounds. Il-Kunsill qed jistenna aktar informazzjoni.

## 5. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 6. IS-SITWAZZJONI DWAR IL-MAGĦTAB

6.1 Il-Kunsill kellu laqgħa mal-Ministru tal-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima rigward it-tkabbir tal-faċilità tal-Wasteserv fil-Magħtab.Id-deċiżjoni kienet meħuda li l-immaniġjar tal-iskart se jsir fil-Magħtab. Il-Kunsill ġie kkuntatjat mill-Ministru fejn saħaq li aktarx ikun hemm tibdil fil-pjan.

6.2 F'dan ir-rigward is-Sindku ressqet mozzjoni li hija annessa ma' dawn il-minuti. Issekonda l-Kunsillier Brincat

6.3 Il-Kunsillier Brincat saħaq fil-bżonn li din ma tkun politiċizzata.

6.4 Il-Viċi Sindku wiegħed li dan mhux se jiġri u se jaħdmu flimkien.

6.5 Il-mozzjoni kienet approvata nem con.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

7.2 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa ma' dawn il-minuti. Dawn kienu approvati wara proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Mark Deguara.

7.3 Il-Kunsill qabel ukoll li jħallas għall-kotba tal-prize day tal-iskola primarja filwaqt li jtihom ukoll xi kotba Viva l-Vitorja.

**8. RAPPORT MILL-KUMITAT TAL-FINANZI**

8.1 Is-SE ressaq ir-rapport mill-Kumitat tal-Finanzi tal-laqgħa li saret fl-14 ta' Frar 2020.

8.2 Il-Kunsill approva r-rapport imressaq lilu fuq proposta tas-Sindku issekondata mill-Kunsillier Brincat.

**9. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

9.1 Is-SE ressaq ir-rapport mis-sottokumitat Talbiet u Lmenti tal-laqgħa li saret fl-14 ta' Frar 2020.

9.2 Il-Viċi Sindku staqsa rigward il-problema tal-One way fi Triq il-Kappella ta' Xagħra. Is-SE spjega li se jsiru tibdiliet fejn it-tabelli tal-One Way ta' Triq il-Kappella ta' Xagħra jitressqu għal fejn Triq E. Bradford. Vetturi jgħaddu minn Triq E. Bradford għal Triq Thackeray minħabba li l-parti t'isfel ta' Triq E. Bradford hija One Way. Din il-proposta għad trid tiġi mgħoddija lil Transport Malta. Il-Kunsill approva.

9.3 Il-Kunsill approva r-rapport fuq proposta tal-Kunsillier Spiteri issekondata mis-Sindku.

9.4 Il-Kunsillier Gatt informa li jekk il-Kunsill kellu xi xogħol ta' bankijiet bħal żebgħa jista' jikkuntattja lil FTZD.

**10. ATTIVITÀ TAT-TBERIK TAL-ANNIMALI B'KOLLABORAZZJONI MAL-PEACE BAND CLUB**

10.1 Din l-attività se ssir fid-29 ta' Marzu. Il-Kunsill kien qiegħed jintalab biex jikkollabora kif sar is-sena li għaddiet.

10.2 Il-Kunsillier Abela se jikkomunika mal-Każin tal-Peace fejn se jirrakomanda biex il-*cat feeders* ikollhom *stand* waqt l-attività. Il-Kunsillier Abela se jikkomunika mal-*cat feeders* rigward din l-attività.

10.3 Il-Kunsill approva.

**11. ATTIVITÀ SPORTIVA**

11.1 Il-Kunsillier Deguara spjega fid-dettal rigward din l-attività fejn din is-sena se jkun hemm aktar logħob sportiv li fosthom se jieħdu sehem In-Nursery tan-Naxxar Lions u se jkun hemm attivitajiet bir-roti.

11.2 Il-Kunsillier Deguara qal li se tkun simili bħal tas-sena l-oħra biss din is-sena se jkunu involuti l-ġenituri biex jinvolvu ruħhom aktar mat-tfal

11.3 L-Isem tal-attività se tkun *Active Family Campaign*.

11.4 Il-Kunsill approva wara proposta tal-Kunsillier Mark Deguara u ssekondat is-Sindku.

**12. RAPPORT TA' EVALWAZZJONI DWAR XOGĦOL TA' FINISHINGS FIL-MITĦNA**

12.1 Is-SE ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-offerti għal xogħol ta' finishings fil-mitħna.

12.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**13. ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI**

13.1 Sar kuntatt mal-*Works Division* minħabba li s'issa għadhom ma bdewx ix-xogħlijiet minn naħa tagħhom. Il-problema qegħda tikber u l-ġnien sar aktar ta' periklu għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel li temporanjament isir floodlight jekk dejjem ikun possibli.

13.2 F'dan il-ħin il-Kunsillier Abela talab li jkun skużat. Il-ħin kien 8.18pm.

13.3 Il-Kunsillier Cuomo issuġġeriet li tinħareġ stqarrija fuq social media li l-ġnien mhux fir-responsabbiltà tal-Kunsill iżda tal-Gvern.

**14. RAPPORTI DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUNSILLIERI**

14.1 Is-Sindku semmiet li s'issa għadha ma rċevietx rapporti minn għand il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuomo. Dawn għandhom jintbagħtu sa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar. Wara, jiġu ppreżentati lis-SE.

**15. PROGRAMM TA' TRAQQIEGĦ MAĠĠURI**

15.1 Is-SE ippreżenta l-lista ta' traqqiegħ maġġuri.

15.2 Is-SE talab lill-Kunsillieri biex jidħlu fil-*link* li kien bagħatilhom u jibagħtu l-ismijiet ta' toroq li għandhom bżonn traqqiegħ maġġuri.

15.3 Il-Kunsill qabel biex isir xogħol ta' traqqiegħ maġġuri fi Vjal 21 ta' Settembru u Triq il-Mazza. Is-SE informa lill-Kunsillier responsabbli tat-toroq biex ikun involut fid-deċiżjonijiet tax-xogħlijiet. Il-Kunsill qabel.

**16. DEVOLUZZJONI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU**

16.1 Il-Kunsill applika mal-*Lands Authority* biex jinbena sular ieħor iżda din ma ġietx approvata minħabba lill-bini mhux tal-Kunsill.

16.2 Il-Kunsill qabel biex japplika ma' *Planning Authority* għal devoluzzjoni.

**17. TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

17.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8.42pm.

17.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu fis-5.45pm.

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**